***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia dwar punt imqajjem mill-Onor. Robert Cutajar dwar tqegħid ta' dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra**

Fis-Seduta Nru 92 tat-12 ta' Marzu 2018 wara l-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari l-Onor. Robert Cutajar talab l-intervent tas-Sedja fir-rigward ta' tweġiba li ngħatat għall-Mistoqsija Parlamentari Nru 4635 tal-Onor Membru fejn ġie riferut għal dokumenti li jinsabu fuq sit elettroniku.

Is-Sedja ttenni dak li ġie ddikjarat f'numru ta' *rulings* preċedenti, fosthom dak mogħti mill-Ispeaker Louis Galea fis-Seduta 205 tal-24 ta' Marzu 2010 u aktar tard minn din is-Sedja fis-Seduta 323 tad-9 ta' Novembru 2015 u ċjoè li f'każ li l-informazzjoni tkun tista' tinkiseb minn fuq sit elettroniku, huwa dejjem rakkomandabbli li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra kopja stampata tad-dokument u dan biex il-Kamra jkollha rekord tal-informazzjoni mogħtija.

----

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA – MINUTI TAL-LAQGĦAT**

**4635. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, li saru bejn Ġunju 2013 u Frar 2018, fejn matulhom issemmew jew ġew diskussi:

1. il-proġett ta' bini ta' lukanda fil-pjazza tal-Mellieħa;
2. il-proġett ta' bini ta' appartamenti u lukanda fid-daħla tal-Mellieħa;
3. il-bini ta' appartamenti fiż-żona ta' Masrija, liema binja tagħti wkoll fuq il-*bypass* tal-Mellieħa;
4. is-sistema tat-traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier; u
5. l-estensjoni tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa?

07/03/2018

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-minuti mitluba huma kollha fid-dominju pubbliku. L-Onor. Interpellant jista' jikseb kopja mill-portal elettroniku tal-Gvern Lokali f'Malta. Jekk isib diffikultà nitolbu jkellimni u nghaddilu d-dokumenti mitluba personalment.

Seduta 92
12/03/2018